## X'Għadda minn Għalina

# Xi Avvenimenti mill-Istorja tal-Qala matul l-Aħħar Seklu

### Ħsibijiet lejliet seklu u millennju ġdid

*minn* **Raymond C. Xerri**
B.A.(Hons)(USA),EU.Sch.(E.U.Law)(FRG),D.D.S.,M.A.(Dip.St.)(Malta),L.F.I.B.A.(U.K.),D.G.(U.S.A.)

**10's**

Il-Qala ta' l-1899 kienet differenti ħafna mill-Qala ta' l-1999. Għalkemm ħadd mill-Qalin tal-lum ma kien jgħix jew kien kbir biżżejjed biex jiftakar xi ħaġa, il-Qala kien raħal fqir, sempliċi b'popolazzjoni ta' 1,200 b'ftit bini mxerred mar-raħal kollu, bis-Santwarju tal-Kunċizzjoni u l-Knisja Arċipretali għadha tinbena. Is-Seklu Għoxrin beda b'mewġa ta' żgħażagħ emigranti Qalin jemigraw lejn u lura minn Tuneż, it-Tuneżija; Algiers, l-Algeria; Marsilja, f'Franza; Melbourne, Sydney u Mackay, l-Awstralja; New York u Detroit, l-Istati Uniti; Londra, l-Ingilterra u aktar tard Toronto, l-Kanada. Is-St. Joseph Hotel (tal-Gaġġu) hu wieħed minn ta' l-ewwel stabbilimenti tal-akkomodazzjoni f'Għawdex.

L-Ewwel Gwerra Dinjija messitna, speċjalment f'baħrin Qalin li tilfu l-vapur li kienu fuqu, ġew salvati u xi wħud ġew miżmuma priġunieri sa tmiem il-gwerra fl-1918. It-Tieni Gwerra Dinjija laqtitna mill-qrib għaliex numru ta' Qalin tilfu ħajjithom. Ħafna kienu l-Qalin li servew f'diversi gwerer snin wara, bħal tal-Korea u tal-Vietnam.

**20's**

Fl-1920 kien hemm rewwixta minn xi bdiewa Qalin kontra l-awtoritajiet tas-sanita' li riedu joqtlu n-ngħaġ u l-mogħoż kollha fil-Qala minħabba d-deni rqiq. Kien hemm ukoll diversi taqbid bejn nies mill-Qala u nies min-Nadur fuq il-medda art imsejħa Ta' Cini fejn ġiet riżolta mill-ex-Prim Ministru ta' Malta Sir Lord Strickland li ddikjara fejn kellha tkun il-fruntiera bejn iż-żewġ irħula. Infetħu ħafna toroq b'riżultat tal-bini taż-żona tas-Salib matul dawn is-snin. Fl-1921 twaqqfet l-Azzjoni Kattolika, fost l-ewwel fergħat f'Għawdex. Fl-1924 infetaħ il-Mużew tal-bniet.

Sar ħafna xogħol estensiv fuq il-Knisja Arċipretali matul is-snin erbgħin u ħamsin - xogħol ta' bini, żebgħa, pittura, induratura, eċċ. baqa' sejjer sas-snin sittin, biex illum għandna waħda mill-isbaħ knejjes f'pajjiżna. Bdejna nagħmlu festi lil San Ġużepp u beda jinħadem l-ewwel armar u murtali għall-festa li kienet issir fit-Tielet Ħadd wara l-Għid, Festa tal-Patroċinju ta' San Ġużepp flok l-ewwel Ħadd ta' Awissu bħalma jsir illum. Loreto Xuereb (tal-Ħarti) mill-Qala daħħal l-ewwel karozza f'Għawdex. Sittin sena wara fil-Qala għandna 490 karozza li ħadu post il-karrettun, il-moħriet u r-rota.



*X'sar mit-twemmin ta' niesna? Spiċċa, intemm, jew hemm ġamra taqbad forsi qawwija aktar minn qabel?*

**40's**

Fl-1945 infetaħ il-Mużew tas-subien. Ftit wara t-Tieni Gwerra Dinjija rajna t-tieni mewġa ta' emigrazzjoni lejn l-Awstralja, l-Istati Uniti ta' l-Amerika u l-Kanada, tant li l-popolazzjoni tar-raħal tagħna niżlet b'450 ruħ. F'dawn is-snin il-Qala ħadet fama li tagħmel fost l-aqwa festi f'pajjiżna - speċjalment il-kwalità tal-logħob tan-nar li kien jinġab minn Sqallija. F'Ottubru, 1948 saret l-agħar traġedja fl-ilmijiet madwar ir-raħal tagħna fejn għerqu 50 ruħ f'maltempata.

**50's**

Il-kwadru tal-Immakulata Kunċizzjoni ġie nkurunat b'kuruna fl-1 ta' Awissu, 1954, brillant fl-20 ta' Mejju 1956 u sett stellarju fl-4 t'Awissu 1979. F'dawn is-snin daħal ukoll l-ewwel sett tat-televiżjoni, illum fil-Qala jeżistu 702 sett tat-televiżjoni reġistrati fid-djar tagħna. Fl-1959 twaqqfet il-Legion of Mary.

**60's**

Fis-snin sittin rajna t-twelid ta' għaqdiet, bħal grupp Żgħażagħ Ħaddiem Insara u l-Qala St. Joseph F.C. Gradwalment bdew jispiċċaw il-Ħwienet ta' l-inbid u ħafna nbidlu f'bars. Infetħet l-Iskola Primarja l-ġdida mill-prinċep Filippu fis-27 t'April, 1960. Twieled il-Kunsill Ċiviku t'Għawdex fejn fl-1961 ġie elett l-ewwel rappreżentant mill-Qala, is-Surmast Anton Buttigieg li temm il-kariga tiegħu bħala tieni president f'Diċembru, 1964.

Tajjeb insemmi li matul is-snin ħamsin u sittin fil-Qala ġie introdott s-servizzi ta' l-elettriku flok il-lampi fit-toroq, servizzi ta' l-ilma fid-djar flok il-vitjien fil-kantuniera u s-servizz tad-drenaġġ f'ħafna mit-toroq prinċipali. Kompla l-esodu ta' Qalin emigranti lejn il-pajjiżi fejn is-soltu jemigraw.

**70's**

Bdejna s-snin sebgħin bl-inkurunazzjoni tal-Kwadru Titulari ta' San Ġużepp fit-8 t'Awissu 1971, mill-Kardinal Colombo. Beda dieħel is-servizz tat-telefon fid-djar tagħna u beda s-servizz tat-tqassim tal-gass u ħalib fid-djar. Inbnew l-ewwel vilel u beda tiela' ħafna bini mibni minn numru sabiħ ta' Qalin li ġew lura mis-safar. Fl-1976, Dr. Anton Buttigieg, B.A. LL.D., iben il-Qala, inħatar bħala t-tieni President tar-Repubblika ta' Malta. Ħafna toroq fil-Qala ġew mogħtija t-tarmak u twaħħlu telefons pubbliċi.

**80's**

Is-snin tmenin bdew ħażin fejn il-kuruna ta' San Ġużepp insterqet kiesaħ u biered fis-sbieħ id-29 ta' Settembru 1981. Il-Qala kompliet tinfirex fil-bini mibni primarjament minn emigranti li ġew lura fejn rajna bini ta' vilel kbar u l-ewwel "courts" jew blokok ta' appartamenti. Inbena wkoll ż-żona residenzjali Ta' Kassja mill-Gvern u ċ-Ċentru Parrokkjali. Fl-1988 ġie ċċelebrat it-300 sena minn meta l-Qala saret parroċċa. Twaffqu l-każini politiċi fir-raħal tagħna.

**90's**

Fl-1993 il-Qala reġa' kellha Kunsill elett b'ħames kunsilliera. Kompliet tiżdied il-popolazzjoni tal-Qala tant li laħqet l-1,600, l-ogħla li qatt kienet minn meta bdew jittieħdu l-istatistika. Bdejna naraw postijiet fir-raħal tagħna fejn saret ħsara ambjentali ta' kull tip, speċjalment relatat mal-industrija tal-bini. Infetħu ħafna negozji żgħar ta' kull tip; mastrudaxxi, mechanics, tillara, garaxxijiet ta' kull snajja, ristoranti u oħrajn. Il-popolazzjoni ta' Qalin jsegwu korsijiet fl-Università kiber sostanzjalment.

Tul l-aħħar seklu, l-Qala nbidlet radikalment. Li kieku kellu xi ħadd li kien jgħix il-Qala mitt sena ilu jżur r-raħal tagħna, żgur jaħseb li qiegħed jgħix fi pjaneta oħra. Ma' l-ewwel ħarsa, il-bini żdied b'għaxar darbiet u naqsu ħafna s-siġar u l-maġġoranza ta' l-ambjent rurali m' għadux jinħadem. Il-popolazzjoni żdiedet, il-livell tal-ħajja għola ħafna u n-nies qiegħda tgħix iżjed. L-istil ta' ħajjitna nbidel drastikament. Jekk inħarsu lejn il-Qala bil-lejl naraw li r-raħal hu mixgħul, kuntrarju għad-dlam ċappa ta' dari. Il-knejjes għandhom il-floodlighting u b'hekk jibqgħu jiddominaw l-estetika tar-raħal tagħna anke bil-lejl. Lejn l-aħħar ta' dan is-seklu qegħdin naraw qawmien reliġjuż fost il-Qalin. Rajna u qed naraw raħal b'ħafna minn uliedu jokkupaw xogħol b'karigi għolja madwar Għawdex, f'Malta u anke internazzjonalment. Rajna l-inkurunazzjoni mill-ġdid tal-kwadru titulari ta' San Ġużepp fil-festa ta' l-1999.

X'ser jgħaddi minn għalina u x'ser jiġri fil-Qala matul is-seklu wieħed u għoxrin? Nispera li fl-2099 ikun hemm xi ħadd warajna li jagħmel ir-riflessjonijiet tiegħu . . b'liema mezz... min jaf?



*Min jaf kemm niesna ġarrew ilma minn dan il-vit! ... u llum!*

*Kos hux kemm jinbidlu l-affarijiet..*

# Restawr...



## ... tal-Bieb il-Kbir

F'Novembru '99 sar ir-restawr tal-bieb prinċipali tal-Knisja Arċipretali, bi preparazzjoni għall-ftuħ tal-Porta Santa f'Ruma, fil-ftuħ tal-Ġublew il-Kbir. Grazzi lil Joe Mifsud u Carmelo Grima voluntiera Qalin.

## ...Il-Bjut tal-Knisja

Tkompla x-xogħol f'kisi tal-membrane fil-bjut tal-Knisja. Issa li nksew l-korsija u ż-żewġ kopletti minn fejn kien jippenetra l-ilma... inkomplu bil-proġett f'Settembru 2000

## Tabernaklu Ġdid

Nhar it-30 ta' Ġunju sar it-tberik tat-Tabernaklu ġdid fil-Kappella tas-Sagrament minn Fr Charles Buttigieg. Grazzi għall-benefattriċi mill-Qala.